# IL-PARROĊĊA DEDIKATA LIL SANT'ANNA

Ġeneralment, meta kienet tkun ser titwaqqaf parroċċa kienet tingħażel bħala titular xi waħda mill-kappelli antiki li jkun hemm fil-lokal, u f'Wied il-Għajn kien hemm diversi. Żgur li nsibu seba' kappelli, nibda b'dik tal-*Madonna tad-Dawl* (1740), *Sant'Antnin* (1675),*Il-Madonna taċ-Ċintura, San Gejtano* (1657), *Il-Madonna tar-Rużarju* (1856) u dik ta' *San Ġużżepp* (1920).
Minkejja dawn, xorta waħda fl-1895 fi Triq La Sengle ġiet mibnija knisja żgħira li ġiet dedikata lil Sant'Anna. Il-kuntratt ta' l-art sar fid-19 ta' April 1895 quddiem in-Nutar Giuseppi Rossi. L-art kienet proprjeta' tal-Kapitlu ta' l-Isla. Biex inbniet din il-knisja l-ispejjes tħallsu mill-istess Kapitlu. Allura kien bix-xieraq li jagħżlu t-titular huma. L-għażla waqgħet fuq Sant'Anna, omm il-Madonna. Il-Kapitlu beda jieħu ħsieb il-quddies u l-festa ta' Sant'Anna f'din il-kappella.
Wied il-Għajn, post ta' villeġġjatura għan-nies ta' Ħaż-Żabbar kif ukoll tal-Kottonera beda jsir aktar popolat. Ħafna bdew iżommu r-residenza tagħhom tul is-sena kollha. Minħabba dan, l-*Isqof Mauro Caruana*, fl-1918, għamel din il-knisja viċi-parroċċa u bħala l-ewwel viċi-parroku nsibu lil *Dun Eleazzaro Balzan.* Dan dam iservi bħala viċl-parroku f'Wied il-Għajn sa ma ġie maħtur Kappillan tal-Kalkara.
Bħala viċi-parroki warajh kien hemm *Dun Karm Diacono* (1925-29), *Dun Alwiġ Psaila* (1930-35), *Il-Kanonku Dun Ġużepp Mari* (1936-43) u D*un Tarcis Agius (*1943-49).
Nhar il-15 ta' Marzu 1949, fid-digriet tiegħu *Mons. Arċisqof Gonzi* waqqaf il-knisja dedikata lil Sant'Anna bħala parroċċa. Din kienet l-ewwel parroċċa li saret fil-Veskovat ta' Mons. Mikiel Gonzi. L-Ewwel Kappillan kien D*un Tarcis Agius* li kien viċi kurat.
Dan l-ewwel kappillan wettaq ħidma liema bħala tul it-tmexxija tiegħu. Kien dan il-Kappillan li ħaseb biex jakkwista biċċa art mingħand il-*Markiża Maria Apap Bologna* biex tiġi mibnija parroċċa ġdida. Il-kuntratt sar fit-18 ta' Marzu 1951 waqt li t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla sar mill-*Isqof Emmanuel Galea* fid-9 ta' Awwissu 1953. Il-pjanta kienet magħmula minn *Vincenzo Bonello* u l-*Perit William Micallef.* Ix-xogħol tal-bini dam sejjer ħafna u f'xi żmien kien hemm problemi ta' finanzi, tant li meta leħaq Kappillan *Dun Ġuzepp Carabott* (1964) saru xi modifikazzjonijet fil-pjanti biex il-pjan tal-bini tal-paroċċa jitwettaq. Wara għoxrin sena din tlestiet u llum wieħed jara il-parroċċa żżejjen liċ-ċentru tal-Bajja ta' Wied il-Għajn.
Ta' min isemmi ħidma oħra li twettqet mill-Kappillan Dun Tarcis Agius fl-1947 meta kien hu li ordna l-*istatwa ta' Sant'Anna* f'Bolzano. Kien huwa stess li tela' l-Italja u ta daqqa ta' skarpell biex inbdiet tinħadem. Waslet f'Malta f'Awissu 1947 u tħallset minn ċertu *Spiru Vella* mill-Birgu. Meta waslet Malta kienu daħħluha fuq barkun imżejjen fil-bajja ta' Wied il-Għajn u ġiet imtella' proċessjonalment minn Spiru Vella u wliedu li kienu fost dawk li refgħu l-istatwa. Il-pedestall ġie mħallas minn *Carmelo Grima* miż-Żejtun u ġie jiswa Lm 300 u nħadem mill-istess *Ferdinando Stuflesser li ħadem l-istatwa f'Bolzano.*

**Joe Balzan**
20.01.98